SANNAT

Minuti tal-kontinwazjoni tat-tnax il-laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 8 ta' April 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Joseph Bajada |
| Skużat | Manuel Tabone |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

627 Il-Kunsillier Emanuel Tabone bagħat email li ma jistax jattendi għal-laqgħa għaliex inqabad f' laqgħa tax-xoghol f' Malta.

628 Ġew approvati l-minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa numru ħdax li saret fil-ħdax ta' Marzu u l-minuti tat-tnax il-laqgħa li saret fid-29 ta' Marzu 2010.

**Item 2. Mill-Minuti**

629 *(para. 588)* Wara li għat-tieni darba sar l-avviż għal sejħa ta' *helpers* fl-attivita' Notte Scarlata applikaw:

Daniel Borg, *God Bless* Triq ta' Ċenċ, Sannat.
Betty Muscat
Margaret Said
John Cassar
Rose Fava Pisani
Publius Borg
Saviour Scberras
Josephine Vella

630 *(para. 589)* L-inġiniera tal-Enemalta approvat li titwaħħal il-bozza ta' Triq Ċenċ. Rigward dik ta' Triq Xabbata ma ġietx approvata għaliex qalet li hi fil-qrib.

631 *(para. 590)* Il-perit Gordon Vella nkitbitlu l-ittra sabiex jagħmel ix-xogħol konness mal-istudju tal-irziezet. Hu kkonferma permezz tat-telephone li ser jagħmel l-aċċettazjoni tiegħu bil-miktub.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

632 *(para. 597)* Dwar il-Public Private Partnership tat-toroq il-Kunsill għad irid jieħu deċizjoni għaliex għal din is-sena ma għandux flus ivvutati għall-għoti tal-hot rolled asphalt fit-toroq.

633 *(para. 600)* Tal-GreenPak ġew mitluba jibgħatu l-kuntratt bil-kundizjonijiet imsemmija fl-email tagħhom ta' 12 ta' Marzu 2010 biex jiġi ffirmat il-kuntratt. Dan ikun għal tnax-il xahar. Dawn bagħtu il-kuntratt oriġinali u għad irid jiġu nklużi fil-kuntratt l-inċentivi partikulari offruti lill-Kunsill Lokali ta' Sannat.

634 *(para.612)* L-offerti tat-tender for the Supply, Installation, Testing and Commissioning of Photovoltaic Systems li nfetħu fil-Kunsill Lokali tal-Mosta sar rapport dwar l-offerti mixħuta. Dawn kienu :

1. EVM Energy Ltd. – Bid Bond Bov €5,000
   Option 1. Amount Tendered €127,355.91
   Option 2. Amount Tendered €121,715.28

2. Bajada International Solar Systems – Bid Bond HSBC €5,000

3. Panta marketing Services Ltd. - Bid Bond HSBC €5,000

4. Joseph V. Cachia and Sons – Bid Bond China Construction Bank €5,000

5. Solar Solutions Ltd. – Bid Bond HSBC €5,000

6. Frank Borda –Bid Bond €5,000
   Option 1. Amount Tendered €154,899.84
   Option 2. Amount Tendered €132,948.30

7. Alberta Fire and Secruity Equipment Ltd. – Bid Bond BOV €5,000
   Option 1 Amount Tendered € 83,270.62
   Option 2 Amount Tendered € 89,921.62
   Option 3 Amount Tendered € 94,003.62
   Option 4 Amount Tendered € 98,858.62
   Option 5 Amount Tendered €118,026.62
   Option 6 Amount Tendered €123,305.62

8. Solar Engineering Ltd. – Bid Bond HSBC €5,000
   Amount Tendered € 89,244.50

635 *(para. 618)* It-trakkijiet u trailers li kien hemm fi Triq tal-Lewż tneħħew wara li twaħħal avviż mill-Gwardjani Lokali.

636 *(para. 623)* Iż-żbir tas-siġra fi Triq Marsilja sar u nġieb open skip mingħand tal-K.I.P. Għawdex. L-iskart u ħaxix li kien hemm fi Triq tal-Lewż inġabar parti minnu permezz ta' scammel.

**Item 3. Korrispondenza**

637 Memo 46/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar għajnuna mill-MEUSAC fil-mili tal-applikazzjiniet għal Proġetti taħt il-programmi ta' fondi tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsilli ser


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

jintalbu jiffrmaw ftehim mal-MEUSAC fejn din tintrabat li tagħti l-għajnuna fil-mili tal-applikazzjonijiet għal fondi tal-Unjoni Europea. Il-Kunsilli jintrabtu li ħallsu depożitu qabel ma jibda l-proċess tal-mili tal-applikazzjonijiet. L-ammont sħiħ tad-dipożitu jingħata lura jekk il-Kunsill jirrispetta l-obbligazzjonijiet tiegħu kollha taħt il-ftehim li jrid jiġi ffirmat mal-MEUSAC.

638 Memo 47/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar mistoqsija parlamentari rigward il-Kumitati tal-Aġġudikazzjoni biex jeżaminaw it-tenders u jagħtu r-rakkomandazzjoni tagħhom.

639 Memo 48/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward mistoqsijiet parlamentari dwar tenders li ingħataw b'direct order mill-Kunsilli Lokali u dwar l-ikliet li saru fi żmien il-Milied f' dawn l-aħħar tliet snin.

640 Memo 49/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar mistoqsija parlamentari rigward dawk il-Kunsilli Lokali li taw *tenders* li ma kienux l-irħas offerta.

641 Memo 50/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar manutenzjoni jew kisi mill-ġdid ta' toroq li ser isiru għas-sena 2010.

642 Memo 51/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward WIFI Access Points fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex. Għal dawn il-WiFi access Points irid ikun hemm fil-viċin kamra jew struttura fejn jitwaħħal il-modem, socket tal-eletriku u idejalment ikun hemm linja tat-telefon tal-kumpanija Go p.l.c. jew post fejn tista' tiġi nstallata linja ġdida. Żmien hemm sa 13 ta' April 2010. Il-Kunsill għandu jipproponi żewġ postijiet fejn jistgħu jsiru dawn il-Wi-Fi access points. Wieħed jista' jsir fl-inħawi tal-Pjazza Santa Margerita eżattament fis-Sub-station tal-Enemalta fi Triq Xamgħan u l-ieħor jista jsir fil-playing field u bħala struttura tintuża dik il-kamra li hemm fil-grawnd tas-Sannat Lions.

643 Memo 52/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' għajnuna finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning*. Hemm żmien sa 30 ta' April 2010. Il-Kunsill qabel li jsir kors wieħed tal-komputer li jkun maqsum fi tliet partijiet li huma Microsoft Word 3, Microsoft Speed Sheet 4 u Internet 7. Kors ieħor li għandu jsir hu dak tal-ħjata. Il-korsijiet għandhom isiru f'Settembru 2010.

644 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser tingħata għajnuna lil dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta' tal-librerija lokali devoluta lilhom u kienu applikaw għal għajnuna skond Memo 165/2010. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex nhar il-Ħamis, 8 ta' April 2010 jattendi għal ċerimonja li ser issir fil-librerija lokali tad-Nadur fejn ser jingħataw il-fondi lill-Kunsilli Lokali li applikaw inkluż dak ta' Sannat.

645 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-proġett MED imsejjaħ PHILOXENIA.

646 Mario Mallia bagħat lista tal-prezzijiet li għandu tar-road signs li huma prezzijiet tajbin.

647 Ittra mill-MCAST li l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jospita waħda mis-*Science in the Community Events* fis-Sannat ma ġietx magħżula.

648 Il-WasteServe Malta Ltd. bagħtet kopja tal-*Bring in Sites agreement* li hemm fil-lokalita' biex jiġi ffirmat mill-Kunsill. Huma bagħtu email oħra fejn talbu nformazzjoni rigward is-sistema tal-ġbir ta' skart domestiku, skart riċiklat, bulke refuse u ġbir ieħor, kif ukoll dwar liema


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

skema l-Kunsill ser jaħdem magħha. Irridu n-numri tat-telephone tal-kolletturi u n-numru ta-trakkijiet jew vetturi u l-ħinijiet fi x'ħin isir dawn il-ġabriet. Dan il-kuntratt għandu jiġi iffirmat sabiex jkun possibbli li tibda taħdem l-iskema tal-iskart separat.

649 Ittra mill-Employment and Training Corporation rigward stedina għal żewġ rappreżentanti ta' kull Kunsill Lokali sabiex jattendu għal seminar li ser isir speċifikament għal Kunsill Lokali Għawdxin fid-9 ta' April fil-Grand Hotel fil-4.45 p.m.

650 Ittra mingħand l-assistent kummissarju tal-pulizija dwar il-laqgħat li qed isiru mal-Pulizija. Hu qal li l-għan ta' dawn il-laqgħat hu biex jinżammu diskussjonijiet mill-istess membri tal-korp offruti li diversi oqsma tas-soċjeta' li jissarfu f'tagħlim ħalli kemm jista' jkun jogħla l-livell għal għejxien aħjar.

651 Ittra mingħand il-JP2 Foundation rigward il-JP2 Memorial Festival 6th Edition fejn offrew lill-Kunsill biex il-Malta University Junior Collage Youth Orchestra tiġi fis-Sannat fit-18 ta' Mejju 2010 ħalli jittela' *Classical Sacred Concert* fil-knisja ta' Sannat. L-ispiża totali tkun ta' €549.91ċ. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita'. Is-Sindku għandu jkellem lill-arċipriet.

652 Fil-15 ta' April 2010 il-Transport Malta ser torganizza seminar dwar ir-Regolamenti tal-2010 dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq.

653 Ittra mill-Ministeru għal Għawdex dwar n-Notte Gozitana 2010 biex il-Kunsill jieħu sehem f'din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li għal din l-attivita' jsir *stand* fejn jiġu esebiti materjal tal-bizzilla. Għandha tiġi kkuntatjata Consilia Azzopardi sabiex żewġ studenti jaħdmu l-bizzilla waqt din l-attivita'. Il-Grupp Folkloristiku Sinnet minn Sannat għandu jagħti rappreżentazzjoni ta' ħmistax-il minuti f'isem Sannat. Għandha ssir *power point presentation* dwar il-lokalita'. L-għaqdiet għandhom jintalbu jagħmlu *soft copy* biex issir din il-*power point*. Is-Sibt 15 ta' Mejju għandha ssir mixja fil-lokalitajiet f'Għawdex. Dettalji għandhom jingħataw iktar tard.

**Item 4. Materja Oħra**

654 Saret laqgħa bejn is-Sindki u s-Segretarji tal-Kunsilli Lokali ta' Sannat, Munxar, Xagħra u Xewkija dwar il-possibilta' tal-ġbir tal-iskart tinħareġ offerta waħda. Fost il-punti li issemmew kien hemm li:

Il-ġbir jibda jsir wara t-8.00 a.m.
Il-kuntrattur irid jagħti r-rotta min fejn ser jgħaddi u l-ħin
L-iscammel ikollu miżien biex jittieħed il-qari tal-iskart miġbur minn kull lokalita'
L-iskart kummerċjali ma jinġabarx
Il-ġbir tal-iskart organiku jinġabar nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis u s-Sibt. Nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa jsir l-ġbir ta' skart separat.
Ix-Xlendi jinġabar kuljum u jkollu kwotazzjoni separata għalih.

Is-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli konċernati għandhom jiltaqgħu sabiex jippreparaw id-dokumenti u jieħdu ħsieb tal-klawsoli li jridu jinbidlu u li l-avviż jidher fuq il-European Journal.

654 Il-MEPA bagħtet kopja ta' applikazzjoni sabiex l-area ta' Dun Luqa u d-Daħla taċ-Ċnus jiġi stabilit iz-*zoning*, l-għoli tal-bini u r-*road aligenment*.

655 Rigward il-monitor għal computer inġabu żewġ kwotazzjonijiet li huma dik ta' Dr. Tek, *19" monitor* għal prezz ta' €138.53 u dik ta' DICE Computers għal *19" monitor* għal prezz ta' €170. Fkaż li ma tintagħżilx il-kwotazzjoni tiegħu jintalab *minimum repair charge* ta' €25 plus VAT. Il-Kunsill għażel dik ta' Dr. Tek li kienet l-irħas waħda.

656 Il-Kunsill ħatar lil Mary Mifsud bħala *Cultural Leader* għal sena b'effett mid-9 ta' April 2010 versu l-ħlas ta' €900 fis-sena.

**Item 5. Ilmenti**

657 Rita Spiteri ta' Triq it-28 ta' April 1688 ilmentat li quddiem il-bieb tad-dar tagħha qed jipparkjaw il-vetturi bil-konsegwenza li mhux qed ikun possibbli li toħroġ jew tidħol id-dar. Qalet li kellha bżonn ta' sptar u ma setgħetx toħroġ, kif ukoll li ma tistax iddaħħal il-mutur u bicycles fid-dar. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm xi vettura li tkun qed tkun ta' nkonvenjent għal din il-persuna, hi għandha tagħmel rapport lill-pulizija.

**Item 6. Notte Scarlata**

658 L-attivita' kulturali Notte Scarlata ser issir fuq bażi ta' tlett tijiem li huma mill-4 sa 6 ta' Ġunju 2010.

Il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju

*Talk* minn membru tal-Heritage Malta dwar ta' Sannat.
Għandu jsir l-opening tal-uffiċċju amministrattiv il-ġdid. Is-sopran Giorgina akkumpanjata minn pjanista għandha tagħmel siegħa kant ta' mużika klassika u barokka. Għandu jkun hemm dawl ħamrani jixgħel fil-faċċata tal-knisja u postijiet oħra bħal Kalkara tal-Ġir b' konnessjoni man-Notte Scarlata.

Is-Sibt 5 ta' Ġunju

Issir quddiesa fil-knisja arċipretali ta' Sannat.
Re-enactment fuq l-istorja tal-Falkun fejn il-Grand Mastru Perellos jiltaqa' mal-falkuni. Ser jinġiebu ir-reanactors ta' Victor mix-Xagħra biex jieħdu sehem f'din l-attivita' flimkien ma grupp ieħor ta' nies minn Sannat.
Isir ikel tradizjonali medjevali fejn jiġu nvoluti l-għaqdiet u ħwienet mir-raħal. Għandhom isiru *stands* tat-tisjir fosthom ta' ikel tal-fniek u tal-majjal.
X'ħin jispiċċa r-renactment jiġi wieħed jilgħab bin-nar, etc.
Wara ngħaddu għas-sezzjoni moderna fejn il-kantanta Morena u l-band tagħha jagħmlu serata ta' tliet siegħat. Għandu jsir show dwar sezzjoni tal-animali bħal żwiemel, baqar, mgħoż u ngħaġ imdawrin bit-tiben fi stalet tal-injam.

Matul il-ġurnata jsiru *walk tours* madwar il-lokalita' ta' Sannat.
F'din il-ġurnata jiġi inawgurat il-Gozo Aquarium fi Triq l-Isqof Cocco Palmeri.

Ħadd 6 ta' Ġunju l-Grand Final

Filgħodu
Il-ġurnata tibda b'zfin mill-Folk Group Sinnet fejn wara jinfetaħ l-monti tal-bizzilla.

SANNAT

Issir sfilata taż-żwiemel fejn jingħata rigal ta' tifkira lill-parteċipanti.
Matul din il-ġurnata ser isir arranġament ma' sid il-kalkara tal-ġir ta' Triq tal-Gruwa biex tkun miftuħa għall-pubbliku.

Fil-5.00 p.m jinqara l-bandu u wara jsir show tal-falkuni fejn l-ornis jagħti deskrizzjoni tagħha.
Wara jittella' dram minn Għaqda Drammatika Sannat bl-isem *Ras in-Newwiela u lil hin minnha.*
Wara d-dram isir marċ mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margarita (Festa Familja).

L-attivitajiet Notte Scarlata jgħalqu permess tal-ħruq tan-nar tal-art f'nofs il-lejl. Inkarigat minn dan ser ikun il-Kunsillier Joe Bajada. Għandhom isiru xi ħruq tan-nar magħrufa bħala l-blalen. Dan jinħaraq x'ħin jingħata l-permess għalihom.

Matul it-tlett ijiem ikun hemm Beer Festival bl-istalls tal-birra lokalizzati fuq in-naħa tal-każini. Il-kumpaniji tal-birra li ser jieħdu sehem huma dawk tal-Heiniken u tal-Bavaria (tal-Coca).

Bħala *advertising* ser isiru 50 poster A3. Ser isiru 13,000 flyer li ser jitqassmu fejn il-vapur. Dan ix-xogħol ta' stampar għandu jiġi ordnat għand Gozo Creations Ltd. kif ukoll l-inviti għal din l-attivita'.
Bħala filming u sound u dawl ser jinħarġu l-kwotazzjonijiet separati.

Fis-sala tal-Ministeru ser ikun hemm wirja u l-Kunsill għandu jipprova jġib din l-istess wirja f' Ta' Sannat. Is-Sur Pietru Borg u Wenzu Borg ser jintalbu biex jessebixxu l-oġġetti li għandhom relatati mal-knisja u Santa Margerita. Għandu jsir kuntatt ma' nies oħra biex jessebixxu l-oġġetti ta' talent ieħor.

Dawk li ser jagħmlu l-*istalls* ser jiġu mitluba jħallsu €100 għal jumejn.

Għandu jkun hemm *children's area* fejn ikun hemm logħob għat-tfal bi ħlas direttament lil min jipprovdi s-servizz.

Għandhom jintalbu sponsors għal din l-attivita' mingħand nies li jagħtu servizzi lill-Kunsill.

**Item 6. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

659 Ġew approvati l-pagamenti pendenti skond Skeda numru 7.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |